# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 2 Numru 4











EBEJER: L-ARTIST U L-BNIEDEM

"TABERNAKLI": IL-POEŻIJA BĦALA RELIĠJON

TWEĠIBA MUDELL U KOMPONIMENTI MUDELLI

AKTAR TAGĦRIF ĠDID FUQ MIFSUD TOMMASI

ĠUŻÈ ELLUL MERCER ARTIKOLISTA

SUĠĠERIMENTI GĦALL-APPREZZAMENT KRITIKU

KORS FL-GĦARBI GĦALL-MATRIKOLA

PEG PUBLICATIONS

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 2 Numru 4**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.



© 1985 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEĠ) Ltd.



Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi



## Bord Editorjali

Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Paul Xuereb


## Il-Kittieba

J.C. Briffa
Joyce Cassar
Ġużè Cassar Pullicino
David Cefai
Marjon Grech
Ġorġ Mifsud
Adrian Stivala
Adrian Zahra
Alfred Zerafa

## X'FIH


**Intervista ma' Francis Ebejer dwar xi Aspetti Fuqu Stess**
*Adrian Stivala* 233

**Tweġiba Mudell: *Tabernakli* – Il-Poeżija bħala reliġjon**
*Marjon Grech* 236

**Komponiment Mudell: In-Nies ta' l-Għerien**
*David Cefai* 238

**Tagħrif Ġdid dwar Ludovik Mifsud Tommasi (2)**
*Ġużè Cassar Pullicino* 240

**Ġużè Ellul Mercer bħala Pijunier Soċjo-Politiku**
*Joyce Cassar* 242

**Kif Tifhem il-Letteratura**
*J.C. Briffa* 244

**Suġġerimenti għall-Kritika Prattika**
*Ġorġ Mifsud* 245

**Pass Pass lejn il-Livell Ordinarju (6)**
*Alfred Zerafa* 246

خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٦) بقلم الفريد زرافا

**Mill-Kontribut tal-Qarrejja – L-Afrika Llum**
*Adrian Zahra* Kopertina


## *L-EDITORJAL*

Il-kelma "Modern" jew "Moderniżmu" hija ambigwa ħafna u dan qed jolqot lil-Letteratura Maltija wkoll. Il-kritiċi u l-kittieba s-soltu jifhmu li għandha x'taqsam ma' xi ħaġa li ma tmurx u ma toqgħodx ma' l-affarijiet kif kienu qabel. Il-bidla hija l-karatteristika ewlenija tal-"modern". Il-kuntest ta' l-argument huwa estetiku. Il-ħsieb ikun dejjem it-tama tat-tiġdid, is-sens tat-tranżizzjoni u s-sens tat-tmiem ta' l-antik. Kif ġara hawn Malta fis-Sittinijiet, tinstema' l-għajta għall-bidla urġenti, l-għajta qawwija għall-qtugħ mill-imgħoddi immedjat. Jinħass fuq kollox is-sens ta' kriżi biex isaltan il-Ġid u l-Modern.

Is-seklu dsatatx fid-dinja artistika kien diġà qed itanbar għax-xewqa tal-Modern. Imma llum bil-kelma "Moderniżmu" nifhmu, bejn wieħed u ieħor is-snin 1907–1925. Wara l-1880 dehru l-ġenerazzjonijiet ta' James, Mallarmé, Villiers de l'Isle Adam, Huysmans, Debussy, Yeats, Proust, Jarry, Valéry, Eliot, Pound, Lawrence u Joyce, fost l-oħrajn. Hawn ukoll jidħlu fażijiet differenti fil-Moderniżmu, għalkemm ilkoll jibqgħu tipikament "moderni". Kollox ma' kollox kulħadd jifhem it-tifsira tal-Letteratura Moderna, ta' l-Arti Moderna, tal-Mużika Moderna. Dawn il-kelmiet jissuġġerixxu nies bħal Picasso, Schoenberg jew Stravinsky ukoll.

Il-Moderniżmu li ħakem lil-Letteratura Maltija tas-Sittinijiet għandu l-element komuni "ta' konfoffa" li nsibu fil-movimenti modernisti barra minn Malta: is-sens li l-problemi jkunu uniċi, li d-dinja tal-poeta Malti għandha l-kaos u l-kriżijiet tipiċi tagħha u għalhekk għandu l-jedd li jisfiduċja l-formalità ta' l-antik.

Fil-fatt, wara li twaqqaf il-Moviment Qawmien Letterarju f'Jannar, 1967, beda joħroġ *il-polz* u fl-ewwel ħarġa ta' Lulju ta' l-istess sena hemm żewġ stqarrijiet importanti fuq dan l-element "ta' konfoffa". Minn banda, Joe A. Grima, l-ewwel President tal-Moviment, kiteb: "Aħna ddeċidejna li mmiddu għonqna għax-xogħol ħalli nibnu pont li jgħaqqad lill-poplu ma' dawk li qed jaħdmu biex jaraw il-wirt kulturali tagħna miżmum fil-għożża li tixraqlu. Aħna nemmnu illi jekk irridu nkunu nistgħu nibqgħu niftaħru biċ-ċiviltà antika tagħna jeħtieġ li ndarru lill-poplu tagħna, ukoll lill-ħaddiema tat-tarzna, tal-fabbriki u dawk li jsewwu t-triqat japprezzaw il-letteratura ħalli huma wkoll jieklu minn dak l-ikel li jtuq l-ispirtu. Aħna rridu biss li nagħtu lill-poplu; ma rridu xejn għalina."

Mill-banda l-oħra, Oliver Friggieri stqarr: "Illum hu żmien l-oriġinalità meta d-diski l-qodma ta' l-imħabba, in-natura u l-patrijottiżmu storiku tagħna qegħdin jistunaw. Ma' dawn ta' min isemmi għall-poeżija Maltija l mod konvenzjonali tat trattament ta' suġġett reliġjuż. Irridu narmu l-klixejiet u nagħmlu użu ġdid mit-tradizzjoni u l-qadim."

Minn din is-sentenza ta' l-aħħar toħroġ weħidha l-mistoqsija: "Kemm jistgħu l-arti u l-ħajja jkunu maqtugħin għal kollox mill-imgħoddi?"



**F'MARZU LI GĦADDA Francis Ebejer ippubblika l-ewwel rumanz tiegħu bil-Malti, *Storja: Il-Ħarsa ta' Rużann*, li studju dwaru fid-dettall jista' juri l-ġibda li għandu Ebejer għall-mit u għall-kontinwità tal-ġenerazzjonijiet kif fehemha xi awtur bħal Gabriel Garcia Marquez f'rumanz bħal *Mitt Sena Solitudni*.**

**F'din l-intervista ma' Adrian Stivala, Ebejer jikxef aspetti importanti fuqu stess bħala artist u bħala bniedem.**

# EBEJER: ASPETTI FUQU STESS

***M'ilux wisq ħriġt għall-pubbliku l-ewwel rumanz tiegħek bil-Malti:* Storja: Il-Ħarsa Ta' Rużann. *Safejn nistgħu norbtu dan ir-rumanz ma' l-oħrajn li int ktibt bl-Ingliż?***

Hemm rabta f'dik li hi l-idea ta' emanċipazzjoni. Dan ir-rumanz jieħu l-qarrej fis-sena 1844 meta l-Baroncino de los Ingallos ta' l-Imdina jiltaqa' ma' tfajla bidwija minn Ħad-Dingli, u jsir iħobbha. Minn hemm l-istorja tibqa' tiżvolġi fil-ġenerazzjonijiet li joħorġu minn dik l-ewwel rabta, sal-ġurnata ta' llum.

Tul l-istorja naraw l-emanċipazzjoni pass pass ta' familja b'egħruqha fil-qalbanett ta' Malta: minn ħajja ta' tbatija kbira u ċaħda fuq l-irdumijiet ta' Nofsinhar, għal waħda ta' aktar għarfien u edukazzjoni u kondizzjonijiet soċjali itjeb, għalkemm l-isfortuni ma jonqsux. Dan kollu jseħħ ma' l-emanċipazzjoni ta' Malta nfisha għal stat sovran.

Il-punt tat-tluq ifornuh l-għajnejn igħajtu fil-lewn ikħal tal-Mediterran, ta' Rużann, il-mara li tat bidu lil din il-familja. F'kull ġenerazzjoni ġdida li tiġi warajha jkun hemm xi ħadd, raġel jew mara, li jkun wiret l-istess xeħta ta' għajnejn li kellha Rużann – dawk l-għajnejn huma li jrawmu l-*leitmotif* ta' l-istorja.

Imissni ngħid hawn li b'dan ir-rumanz jien esperimentajt xi ftit – kemm fil-forma, l-istruttura u l-istil. Użajt stil ekonomiku kemm jista' jkun – xi ħaġa bħalu kont użajt għat-tielet rumanz tiegħi bl-Ingliż, *In The Eye Of The Sun* (maqlub għall-Malti minn Oliver Friggieri bl-isem ta' *Għajn Ix-Xemx*).

B'hekk billi ma dħaltx wisq f'dak it-tip ta' dettall li lill-qarrej jista' jrażżanlu l-immaġinazzjoni tiegħu, u jorbotha żżejjed ma' dak li hemm miktub, f'moħħu l-qarrej ikun jista' jimraħ iktar skond kemm il kelma miktuba tar-rumanz tqanqal il-fakra u s-sens ta' tixbih ma' dak li hu stess ikun ġarrab u sama' f'ħajtu.

Jiġifieri, għandu jħossu aktar ħieles li joħloq *sub-text*, huwa stess, u kif jidhirlu hu bħallikieku qiegħed ''jikteb'' ir-rumanz personali tiegħu.

***Kemm huwa awtobijografiku x-xogħol tiegħek in ġenerali?***

Huwa, jew suppost ikun. Kważi impossibbli li wieħed jissepara l-bniedem mill-artist. Biċċiet awtobijografiċi dejjem jidħlu trid u ma tridx. Anzi nkompli ngħid illi l-ħajja u l-esperjenzi ta' l-artist huma l-ħamrija ta' l-immaġinazzjoni u l-impuls kreattiv, li fl-aħħar mill-aħħar jaffettwawlu ħajtu. Hija kemm hi astratta l-immaġinazzjoni, tista' tiġi attivata permezz ta' l-hekk imsejħa dinja vera – l-organizzazzjoni ta' dak li jidher kaotiku.

Fl-opinjoni tiegħi hija l-*anima* fil-kittieb (raġel), jew l-*animus* fil-kittieba (mara) li tagħti bidu għax-xewqa, għall-espressjoni esterjuri, huma kemm huma polarizzati l-*anima*, l-*animus* u l-jien, biex nibdew b'dawn. Ittrattajt dan il-fenomenu f'wieħed mir-radjudrammi tiegħi fil-Ħamsinijiet, *Is-Sejħa ta' Sarid*. Wara kollox żvilupp u progress jippreżupponu ferment u tensjoni; xejn anqas ma jkun biżżejjed, kemm fuq il-livell personali, kemm fuq dak aktar wiesa': din hija kondizzjoni fissa tal-ħajja u l-evoluzzjoni. Rumanz irid *jevolvi* wkoll.

Għal dak li jolqot l-ewwel żewġ rumanzi tiegħi, kien il-fatt li kont nara tant tfajliet Maltin mimlija talent u mingħajr l-ebda opportunità għal espansjoni soċjali u intellettwali, u għalhekk psikoloġiku, li impressjonani biżżejjed sabiex nikteb fuq is-sitwazzjoni tagħhom.

Imbagħad kien (u għad) hemm l-imħabba tiegħi lejn in-natura u l-art. Jien trabbejt qrib l-Irdum ta' Ħad-Dingli, u hemm għad nerġa' mmur! Minn dejjem u b'qawwa kbira, kważi b'mod fiżiku, ħassejt illi l-blat u l-ħamrija jostru l-ispirtu ta' l-antenati tagħna, u x-xogħol tagħhom taħt ix-xemx tisreġ. (Għal dan wieħed jista' jara d-dramm *Meta Morna Tal-Mellieħa*). Dan seta' ġie mill-memorji ta' xi antenati jew nanniet tiegħi jegħrqu għaraqhom fir-raba' ta' Ħad-Dingli. In-Natura tagħtina l-metafora għall-ġlidiet u l-aspirazzjonijiet tagħna.

• jissokta wara

**Ħad-Dingli: il-ġenesi tal-kampanja**












***F'*Leap of Malta Dolphins*, kemm hu korrett li wieħed jinterpreta l-karattru ta' Lenarda bħala forma ta' alla tal-fertilità, jew ta' l-art?***

Lenarda hija dan kollu, sewwa qed tgħid. Il-Villaġġ huwa Lenarda, li hija l-alla ta' l-Art-Omm Maltija. Ir-rumanz iqanqal l-argument dwar jekk konniex jew le ilna ngħixu taħt is-seħer tagħha għal żmien twil. U kif stajna nimxu 'l quddiem jekk komplejna naduraw fit-tempju Djonisijaku tagħna, l-aktar issa li donnha ma għadhiex ixxerred il-ġid tagħha? Dan jidher fid-dilemma ta' Marċell fil-konfrontazzjoni sesswali tiegħu ma' Lenarda – il-passjoni ossessiva tiegħu u l-indifferenza moħbija tagħha. Bħal Ċirċe, hi qisha kienet qed iżżomm lil Marċell, li huwa aħna, milli jwettaq dak li kien fid-dover li jwettaq fl-interess tal-ġenerazzjoni tal-ġejjieni.

Iva, Lenarda hija l-essenza tal-fertilità, iżda xi ħaġa xi mkien marret żmerċ. Forsi minħabba x-xokk sesswali illi kellha meta kienet għadha tifla. U jekk dan, kemm huma bla ħtija l-ġenituri tagħha u b'analoġija, ġenerazzjonijiet ta' Maltin ta' qabel, għal dak li huwa l-aġir ta' Lenarda fl-ewwel każ, u fit-tieni, u għal darba oħra analoġikament, fl-isfera tal-politika ta' ħarsien l-ambjent?

***Taqbel ma' min jara r-rumanzi tiegħek bħala stejjer mitoloġiċi moderni?***

Nista' nikkwota parti min-nota pubbliċitarja tal-pubblikatur għal *In The Eye Of The Sun*? "Malta's sunbaked countryside, marvellously evoked, is an appropriate setting for a novel of intense drama which, in its grandeur and simplicity approaches the monolithic scale of myth" ("Il-kampanja Maltija mgħarrqa fix-xemx, evokata b'mod ta' l-għaġeb, hija l-isfond perfett għal rumanz ta' drammatiċità qawwija, li fil-kobor u s-sempliċità tiegħu, joqrob lejn l-iskala monolitika tal-mit").

Naqbel miegħek illi hemm stejjer mitoloġiċi fis-sens Jungjan, iżda meta wieħed jarahom xorta oħra – kull ktieb għandu storja sħiħa fuq l-ewwel livell – huma wkoll individwalistiċi. B'dan irrid infisser illi l-karattri tiegħi huma persuni għalihom u sħaħ; jiċċaqalqu u jitkellmu bħal ħafna minna; dejjem b'dik il-ftit li wieħed għandu jħalli għall-enfasi u l-eroiżmu li fuqhom tikkonċentra l-kitba immaġinattiva.

Iżda huma wkoll arċitipali u joħolqu l-miti. Eżempju: f'termini tas-subkonxju Jungjan, Lenarda hija bla dubju ta' xejn Hetaira; Sarid l-Għaref, Countess Elena, Hetaira wkoll, Ester, il-medjum, kif hija wkoll Dirjana; Paul huwa l-*Puer Aeternus*, u l-bqija. Ilkoll fi ħdan ta' forom arċitipiċi ta' konflitt u konfrontazzjoni bejn ir-raġel u l-mara, il-maturità u ż-żgħożija, l-istat u l-kuxjenza individwali (ara d-dramm tiegħi *Menz*), il-ħajjin u l-mejtin, l-uman u d-divin.

Barra minn hekk, jekk in-natura li tidher hija metafora jew xbiha ta' moħħ il-bniedem, il-gżejjer infishom, bil-blat u l-ħaxix, u s-sema tagħhom u arthom, huma l-arċitipi tagħna li jfakkruna dejjem fil-miti. Wieħed irid jiftakar illi bħala poplu Mediterran aħna twelidna u trawwimna ġewwa l-ġonna sagri ta' l-alla-mogħża u l-alla-omm, ġonna li tkattru aktar minn reliġjon aġġornata u rrivelata, il-Kristjaneżmu.

Paul Claudel kiteb, "All that passes is raised to the dignity of expression; all that happens is raised to the dignity of meaning. Everything is symbol or parable". ("Dak kollu li jkun għadda jitgħolla għad-dinjità ta' l-espressjoni, dak kollu li jiġri jittella' għad-dinjità ta' tifsir. Kollox huwa simbolu jew parabbola".)

Fi kliem ieħor irid ikun hemm il-baxx sabiex ifeġġ id-deheb.

***It-teatru tiegħek bla dubju ta' xejn, biddel wiċċ it-teatru kontemporaneu Malti. Taħseb illi se tikteb aktar f'dan il-ġeneru, fil-futur?***

Ippermettili mmur lura daqsxejn. L-aħħar xogħol tiegħi oriġinali li ttella' f'teatru kien *Karnival* fi tliet atti, rebbieħ ta' l-Ewwel Premju f'Kompetizzjoni ta' l-*Atturi*, u maħdum għall-ewwel darba fl-1977. Wara kien hemm it-telesirjil fi tlettax-il episodju, *Id-Dar Tas-Soru* (1977/78) li kien biċċa xogħol kbira: 319 paġna stampati fi ktieb. Imbagħad id-dramm f'att wieħed *Morru Sejħu lill-Werrieta*, rebbieħ tal-Kompetizzjoni tad-Drammi 31 ta' Marzu, 1979, u dramm bl-Ingliż, *Golden Tut*, li ttella' kemm f'Malta, kemm f'Londra (1974, 1981) u *Hefen Plus Zero* li ttella' f'Coventry, l-Ingilterra (1981).

Minn dak iż-żmien ili naħdem biex ix-xogħol tiegħi bl-Ingliż jiġi ppubblikat taħt forma ta' kotba; disgħa b'kollox; ħames rumanzi, li huma: *Come Again In Spring* (1979); *Requiem For A Malta Fascist* (1980); *Leap Of Malta Dolphins* (1982); *Storja: Il-Ħarsa Ta' Rużann* (1985) u

edizzjoni oħra ta' *A Wreath Of Maltese Innocents* (1981), kif ukoll tliet volumi ta' ġabriet tad-drammi tiegħi bl-Ingliż u s-sitt volum tad-drammi tiegħi miġbura, bil-Malti (1984): *Filfla Minn Wara l-Ħajt; Sefora; Morru Sejħu lill-Werrieta; Logħba; Rewwixta tas-Swaba'* u *X'Ma Kixifx il-Ħajt.*

Dan iġibna għal dak li saqsejtni fuq ġeneru. Ħalli nikkwota lil Oliver Friggieri: "L-iżvilupp ta' Ebejer għalkemm wieħed u indiviżibbli jseħħ f'forom ta' xeħtiet differenti u kuntrastanti". Inċidentalment Friggieri li sejjaħ it-teatru tiegħi, it-teatru tal-kuntrasti. Normalment ma nippjanax il-metodu jew l-istil tiegħi. Inħalli s-suġġett jiddettali hu. Eżempju: *Boulevard* u *Hefen Plus Zero*, assurdista-impressjonista; *Il-Ħadd fuq il-Bejt*, espressjonista; *L-Imnarja Żmien il-Qtil*, naturalista; *Morru Sejħu lill-Werrieta* u *Menz*, satiriku u allegoriku, u l-bqija għalkemm id-drammi tiegħi ma jistgħux jiġu kkatalogati b'mod daqshekk strett.

Jekk ħaqqni xi prosit, ta' min igħid illi kont qed nikteb fl-istil ta' l-Assurd fil-Ħamsinijiet (*Tieqa Bla Qamar*, aktar tard *Hefen Plus Zero*, prekursur ta' *Boulevard* (1964) u *Vum-Barala-Zingarè* (1973), dan qabel Ionesco deher fix-xena. Fil-Ħamsinijiet ukoll, kont qed nuża il-*closed-room-menace-outside syndrome* (*Sefora*) qabel qatt smajna b'Harold Pinter.

Probabbilment m'hemm l-ebda mertu f'dan, minħabba li huwa l-istess ma' artisti kullimkien illi jiġu kkundizzjonati minn klima soċjo-politika universali taż-żmien. Dak iż-żmien kien ifisser – il-Bomba! Dak iż-żmien kien biża' ta' kuljum u probabbiltà kbira, li xi miġnun xi mkien se jagħfas xi buttuna. Għalhekk il-kenn dubjuż ta' kamra magħluqa, b'theddida ddur barra. L-istil assurdista għen bħalma l-ilma fir-radjejter iżomm milli l-karrozza tisħon iżżejjed, inkella konna niġġennu lkoll.

Għal dak li huwa realiżmu sħiħ: insomma, minn dejjem kelli d-dubji tiegħi dwaru. Dan żgur ma jistax jiġi injorat, iżda, wara kollox, wieħed ikun qed jikkonċentra fuq il-ponta ta' l-ajsberg, (maqtugħa mir-realtà) u ma jagħtix kas il-kumplament (il-psike), ir-realtà l-aktar vera u akbar.

Kif qal Brecht: "We should not just be satisfied with seeing Prometheus breaking his chains; but with all those mysterious feelings, aspirations, dreams, etc., that were inside him driving him to break those chains". ("M'għandniex nikkuntentaw biss b'li naraw lil Pometheus jaqsam il-ktajjen li jxekkluh; iżda b'dawk is-sentimenti aspirazzjonijiet u ħolm eċċ. misterjużi, li kienu ġewwa fih, iġegħluh ikisser dawk il-ktajjen").

Strindberg innifsu, kollox fuq kollox l-arċirealista, mir-realiżmu tal-bidu għadda għas-simboliżmu u n-naturaliżmu tax-xogħlijiet ta' l-aħħar u l-aktar maturi tiegħu. Għal dak li huwa realiżmu, kif inhu mifhum fil-livell l-aktar komuni, il-magħruf kritiku u kittieb Ingliż, Jonathan Raban qal hekk: "In English fiction, the technique of realism has usually been just one more means of keeping the working classes in their place. It has imprisoned them in class accents, class clothes, class districts, class brand-names. Give the British realist a voice, a make of shirt, or a neighbourhood for his characters to live in, and he will construct a complete cosmology, working from the outside *inward*." ("Fil-kitba immaġinattiva bl-Ingliż, it-teknika tar-realiżmu ma kinitx għajr mezz ma' l-oħrajn biex iżommu l-klassi tal-ħaddiema f'postha. Hija qaflitha f'aċċenti tal-klassi, fi ħwejjeġ tal-klassi, f'distretti tal-klassi, ismijiet ta' ditti tal-klassi. Jekk realista mill-Ingilterra jingħata vuċi, isem ta' qmis, jew ambjent għall-karattri tiegħu fejn igħixu, jibni kożmoloġija sħiħa, jibda minn barra għal ġewwa").

Fi kliem ieħor it-tkattir ta' ideat ristretti u dojoq!

***Taħseb li l-letteratura u s-soċjetà għandhom jikkumplimentaw lil xulxin, jew li kittieb jista' jgħix f'dinjiet ta' oriġni purament immaġinarji?***

Hija l "purament" ta' l aħħar li ma naqbel xejn magħha. Ma nistax nara kif kittieb jista' jkun purament immaġinattiv. Saħansitra Tolkein, bil-ħrejjef moderni tiegħu, bħalma hi wara kollox kull ħrafa, l-istravaganzi serji ta' Orwell, eċċ. juru xbihat, jekk mhux dejjem arċitipi tal-ħaġa vera: il-ħajja, l-aspetti konxji jew inkonxji, mistura u mikxufa tal-bniedem.

L-analoġija hija essenzjali għal kittieb serju, kif inhuwa wkoll is-Simboliżmu, li qiegħed hemm biex iħoll u jiċċara l-bċejjeċ l-aktar diffiċli ta' l-hekk imsejħa realtà. U aktar ma jkun rikorrenti u perenni s-simboliżmu, aktar ikun iwassal għal kwalitajiet pożittivi ta' l-arti tiegħu, anki jekk xi wħud idumu aktar minn oħrajn biex narawh.

Kif qal il-Kardinal Newman, "a sinless literature about sinful humanity is simply inconceivable" ("Letteratura mingħajr dnub dwar umanità kollha dnubiet, jista' ma joħlomha ħadd"). Il-letteratura u l-umanità mhux biss jikkumplimentaw 'il xulxin, iżda jgħixu minn xulxin u jgħajxu 'l xulxin. Fl-istess ħin permezz tal-kitba immaġinattiva u d-dimensjoni ta' l-immaġinazzjoni nistgħu nitgħallmu xi ħaġa tabilħaqq vera fuq l-esperjenza individwali. Kull trattament ieħor jaqa' bilfors fil-ġeneralizzazzjonijiet u fl-astrattiżmi.

**• ikompli wara**

**Orwell, Garcia Marquez: awturi li jammira Ebejer**





Ebejer fil-parti ta' Sarid



Ebejer fil-film *Malta Story* (1951). Jidher fuq quddiem max-xellug.



Għal dak li hija immaġinazzjoni, fejn inkunu mingħajrha? Is-Simboliżmu, biex nieħdu eżempju, jenħtieġ sforz kbir f'sinkronizzazzjoni immaġinattiva. Is-Simboliżmu nqisu bħala għodda ewlenija li biha l-kittieb jista' jorqom aħjar, joħroġ u jinvestiga, kif ukoll jiddeskrivi l-misteri l-aktar inkomprensibbli u l-forom moħbija u tal-forza li tagħtihom il-ħajja: il-psike. Is-Simboliżmu artistiku huwa l-muskoli u n-nervaturi taħt il-ġilda tar-realtà li tidher minn barra.

### *Hemm xi kittieb barrani ħaj li tammira l-aktar?*

Gabriel Garcia Marquez, il-kittieb Kolumbjan li bir-rumanz tiegħu *A Hundred Years of Solitude* rebaħ il-premju Nobel għal-Letteratura fl-1982. Kien kitbu fl-1967, wieħed mill-kotba li l-aktar laqtuni, minn dawk li qrajt. Hu kien ħaqqu bil-kbir li jieħu dan il-premju. Qed isiru ħafna affarijiet interessanti fir-rumanzi ta' l-Amerika Ta' Isfel. Nieħu gost naqra ħafna William Golding (li kiteb *Lord of The Flies*), rebbieħ ieħor tal-Premju Nobel għal-Letteratura (1983). Ma nistax għal dawk il-kittieba illi huma għomja għall-kuntrasti tal-ħajja – dawn m'humiex artisti veri. Anthony Burgess, li ma kellu lanqas ħaġa waħda biss tajba xi jgħid fuqna l-Maltin *f'Early Powers*, jista' jkun wieħed minn dawn ta' l-aħħar. Insib dan il-ktieb il-frott ta' proċess artifiċjali ta' studju kkonċentrat fuq dawk l-elementi li jagħmlu ktieb suċċess kummerċjali, ngħidu aħna, l-eżorċiżmi, il-bniedem mundan isir Papa, u l-bqija. Għall-artista veru l-ebda brigant m'hu brigant għal kollox, l-ebda eroj m'hu kollu dija! *Il Nome Della Rosa* ta' Umberto Eco huwa ħarsa u kitba oriġinali fuq it-*thriller* intellettwali.



# "TABERNAKLI"

## IL-POEŻIJA BĦALA RELIĠJON

*"Għal xi poeti moderni Maltin il-poeżija ma baqgħetx biss ħidma letterarja iżda saret għamla ta' reliġjon".*
(O. Friggieri)

Iddiskuti b'referenza għal TABERNAKLI.

IL-KONFRONT TAS-SNIN SITTIN bejn il-kittieba tradizzjonali u moderni Maltin seħħ biex jiġu sfiduċjati l-forom emottivi u l-bixriet infatwati tat-tradizzjonalisti lejn in-nazzjon u lejn ir-reliġjon. Il-moderni ħassew li r-reliġjon ċelebrattiva u l-attitudni romantika lejn il-Knisja bħala *'l-għarusa t'Alla'* kif jiddiskriviha Dun Karm, biegħdu lill-individwu u l-poplu milli jilħaq il-Kristjanità u l-ispiritwalità awtentika. Għalhekk ħadu l-inizjattiva u taw alternattiva għall-wetqa spiritwali u kollettiva.

Din l-ispiritwalità tidher *f'Tabernakli* fejn Mario Azzopardi jinħass ifittex kontinwament lil Alla fl-essenza tiegħu: l-ewwel permezz ta' vjaġġ interjuri fl-*innifsi* tiegħu biex isseħħ fih qabel xejn katarsi personali. Skond Dr. Paul Xuereb, Azzopardi hu

> *il-pellegrin, ifittex bla għeja lilu nnifsu bħala artist u bħala bniedem, ifittex 'l Alla f'xi avatar jew ieħor.*

Il-fatt li wassal għal din it-tfittxija kien il-laqgħa tal-poeta mas-setta tal-*Hare Krixna* ġewwa Hamburg fl-1971. Għalhekk, speċjalment *f'Mantra* jinħassu rabtiet buddo-kristjani li jressqu lill-poeta qrib il-movimenti Anglo-Amerikani, fosthom *The Beat Generation* immexxi minn Jack Kerouac.

It-taqsima ċiklika *Mantra* hija meqjusa bħala ġabra ta' *poeżiji litaniċi*. L-iskop huwa li jinqered l-*Innifsi Separat* biex il-poeta jasal, skond it-twemmin Buddista għal *"Traxxendenza ta' ħajja lilhinn mill-mewt tal-ġisem"* jew in-*Nirvana*. Biex jasal għal dan l-istat, Azzopardi juża l-ġest ritwalistiku msoffi miċ-ċelebrattività kattolika li trawwem fiha meta kien tifel:

> *Il-ġest ritwalistiku tal-pellegrin irid jissimbolizza lill-poeta li jixtieq iħaddan l-ispirtu kożmiku.*
> (O. Friggieri)

Hawnhekk Azzopardi jista' jitqabbel ma' *Guillaume Appolinaire* li skond Roger Shattuck kellu

> *a scornful fascination with the meaning of Catholic dogma, and a recurring feeling for the cadences of the liturgy especially those of the litany.*

Madankollu, għalkemm ir-referenzi għall-Buddiżmu huma spissi, huwa dejjem jindirizza 'l Alla Bibbliku jew lil Kristu. Eżempju ta' dan huwa l-poeżija *Tao Te Ching* fejn jinstab tgħaqqid Buddo-Kristjan:

*Ċbart ħafna frak, Mulej*
*ta' nies immankati bħali*
*Sellimt xanti, xanti*

Biex iseħħ ir-ritwal liturġiku jinħassu dawn it-tendenzi:

a) *tqaddis ta' elementi folkloristiċi* imbiddlin fi strumenti jew forom liturġiċi. F'*Tariqat* il-poeta joffri elementi umli u sempliċi bħal *fjura tan-narċis, għenba vjola, tamal u qasba.*

b) Jeħtieġ ukoll li biex jintlaħaq l-Assolut isseħħ il-Mewt Sublimi. Dan jidher f'diversi poeżiji bħal *Mewt fuq il-Plajja* fejn il-poeta joffri lilu nnifsu b'ġest ritwalistiku għall-mewt kalma u rassenjata ta' l-irtirat silenzjuż, 'il bogħod mill-folla.

*Fl-aħħar sawwat id-dlam riesaq tliet darbiet.*
*Aħna smajna s-swat mill-wied.*
*Qalbu kienet bħal għanja*
*tfittex 'il min ikantaha.*

*Iss' aħjar twarrbuh:*
*bdew dieħla l-imriekeb tal-baħħara.*

ċ) Tinstab ukoll lirika ta' mottivi funebri u taħlit tal-makabru mal-ħelu bħal f'*Kannizzata:*

*Mnejn tiela' l-blat*
*hemm roqgħa demm*
*ta' xi ħadd li miet għall-baħar.*

.............................................

*Minn ġos-slaleb tal-kannizzata*
*mal-mara mneżżgħa tifrex dielja*
*bl-għeneb mimli nemel...*

Hawn Azzopardi jersaq lejn in-neo-romantiċiżmu ta' l-*Estethique du Mal* (L-Estetika tan-Niket) ta' *Charles Baudelaire.*

F'*Mantra,* fejn tinħass riflessjoni kontinwa biex jintlaħaq l-*Unus Mundus* (Jung) jidher li l-oġġetti sempliċi esterni jservu biex il-poeta jgħaqqad flimkien is-sensi ma' l-ispirtu, skond l-iskrittura Buddista. Għal dan l-iskop Azzopardi jagħmel użu estensiv minn metafori sinestetiċi:

*imħabba mħaffra, mesħet dagħwa, ruħha mera, ħniena li nesa jixgħel il-qamar, sawwat id-dlam riesaq tlett darbiet, isserrat il-ħin min-nofs.*

Rikorrenti wkoll huwa l-għadd kbir ta' awtodefinizzjonijiet li permezz tagħhom il-poeta jipprova jilħaq l-Assolut billi jinkorpora ruħu mat-tbatija ta' l-umanità u 'jsir' l-umanità:

*jien ir-raġel tal-gulfam,*
*jien Mus'Axari, Xokostri jew raġel skur,*
*jien mewt niesi.*

Barra t-tiftixa personali biex jintlaħaq l-*Unus Mundus* jew f'termini orjentali t-*Tat Tvam Asi*, il-poeta jixli lill-poplu Malti ħati ta' *matriċidju* kontra l-patrija u jwiddbu biex jirrinunzja ċ-ċelebrazzjoni kattolika fiergħa u jissaffa mill-ipokresija billi jistqarr dnubu u jagħmel penitenza. Dan jidher ċar fit-taqsima *'Azazel'.*

Għalkemm *Azazel* hija espliċitament taqsima soċjo-politika, jispikka wkoll l-aspett reliġjuż. Din id-darba Azzopardi huwa mnebbah mill-Bibbja, l-iżjed mir-Rabta l-Qadima. Dr. O. Friggieri jirreferi għal din it-taqsima bħala *salm penitenzjarju li għandu jappartjeni lil Malta bħala ġens.* Il-kelma *Azazel* (kapru-spjatorju) tinstab fit-Testment il-Qadim fil-ktieb tal-*Levitiku* b'rabta mar-ritwal ta' *Jom Kippur* – Jum il-Penitenza. Il-bhima tas-sagrifiċċju kienet jew tiġi mħarrba bid-dnubiet tal-poplu fuq rasha lejn ix-xagħri jew mitfugħa minn fuq muntanja għal isfel:

*il-folla trid teħles dnubha fuq ras l-annimal*
(*Gandlora*)

Il-mogħża tas-sagrifiċċju hi wkoll sinonima max-xbiha ta' Kristu li spiċċa vittma, bid-dnubiet tal-ġnus kollha fuq rasu.

Bħalma Dun Karm kien iqabbel lil Malta mal-poplu Iżraelit bħala l-poplu magħżul ta' Alla, Azzopardi din id-darba jissuġġerixxi korrispondenza bejn il-Lhud li ttradew lill-akbar feddej tagħhom, mal-Maltin li ttradew lil arthom billi saru *aħwa b'demm ma jaqbilx.* Jinstabu wkoll referenzi bibbliċi għal Ġwanni l-Battista li għadda ħajja ta' penitenza fid-deżert biex iħejji t-triq għall-miġja tal-Messija. Il-poeta jidentifika ruħu mal-profeta li bħala l-portavuċi ta' Alla sikwit kien iwiddeb lil-Lhud biex iwarrbu ċ-ċelebrazzjoni pagana tagħhom. Fil-ktieb ta' Iżaija f'kap 1, vv. 10–18 Alla kien qal li ma jridx id-dħaħen taċ-ċerimonji:

*Jien ngħajjat bil-leħen tal-Mulej*
*Itfu l-inċens ħa tilmħu ruħkom.*

• ikompli wara




**Baudelaire, Apollinaire: erwieħ li magħhom jista' jitqabbel Azzopardi**



**Referenzi spissi għall-ġrajja Bibblika**



Disinn ta' Awgusto Cardinali (1985)

Il-poeta, bħall-profeta, lest li juri lil Malta t-triq tal-penitenza ħalli *jitqaxxru mħuħ uliedha* u jagħrfu li qed jikkommettu *matriċidju:*

*stennew wild godli. Il-ħabbar*
*bi lbies imkittef fuq blat l-għuxa*
*lest jeħlishom.*

Il-poeta jinterċedi wkoll direttament għall-poplu Malti ma' Alla billi jitolbu jifdih mill-injuranza tat-tradiment kontra Malta. F'*Is-Siegħa tal-Ħanżir* ikklassifikata minn Dr. P. Xuereb bħala *the most important of this short cycle of poems, a ritual lament that cleanses even as it wails* it-talba hija waħda diretta:

*Mulej. Ħares lejn dal-ħlas,*
*debbaħ 'il niesi w oħroġhom*
*mis-sakra, min-ngħas.*
*Ja poplu bla ħmira*
*mur oħroġ iċ-ċippu tal-wegħda.*
*Mulej. Naddafhom mil-loppju*
*ta' min jidneb it-turment ta' l-injuranza.*

*Għid il-kelma, Mulej.*

Kif jidher mill-ġabra ta' poeżiji *Tabernakli*, il-poeżija moderna mhux biss kellha skop li tisfiduċja r-reliġjon kattolika bħala istituzzjoni ekkleżjastika, jew biex isseħħ ħidma letterarja b'kontenut aġġornat u struttura ġdida, iżda offriet alternattiva għal reliġjożità iżjed interjorizzata u awtentika biex jinstab Alla fl-essenza Tiegħu.

MARJON GRECH

# KOMPONIMENT MUDELL

## IN-NIES TA' L-GĦERIEN

**D. CEFAI**

**"GĦAX GĦAMILT DAN** tkun misħut fost il-bhejjem kollha. Għal żaqqek timxi u tiekol fit-trab li fih isserrep. Omm il-Ġnus tisħaqlek rasek u int titmiegħek taħt għarqubha. U int, mara, ikollok uġigħ il-ħlas u fit-tbatija jitnisslu wliedek. Int tkun miġbuda lejn ir-raġel u hu jkun sidek."

Fis-sigħat twal ta' deni u ta' wġigħ jaqta' bħal skieken fil-ġuf, dewa kliem Maldok, il-qassis ta' Axtart, f'moħħ Adaħ. Wara l-għaxar xitwa li daħlet fl-għar il-ġdid ta' Lamek, Axtart kienet berkitha b'iben.

Lamek kien 'il bogħod, jimraħ ġol-imsaġar u l-witat lejn in-naħa fejn tfeġġ ix-xemx wara t-tbexbix. Żilla, ix-xwejħa, għarfa fil-ħxejjex u s-semm, kienet qed iddur madwar il-munzell ħaxix nadif li fuqu kienet mimduda Adaħ. F'idha waħda kellha ras niexfa ta' xadina u bl-oħra kienet qed tħaxwex fergħa biż-żahar. Kienet qed tgemgem xi ħaġa minn taħt l-ilsien. Madwar għonqha kellha spaga b'pupa żgħira tal-fuħħar. Axtart l-imbierka kellha tibqa' magħhom.



ejissokta l-komponiment

It-twerżiq irqiq ta' tifel mastizz mela l-ħitan niexfa u ħorox ta' l-għar. Adaħ straħet kuntenta. Lamek kien qed iħanxar għonq għażżiela. F'salt ħass għafsa f'sidru u bħal sejħa ħerqana qed tiġbdu lura d-dar. Rabat l-erba' saqajn tal-priża, weżinha fuq spalltu, ġabar ix-xafra u l-vleġeġ fil-ħorġa tal-ġild fejn kellu wkoll żewġ frottiet b'qoxrihom kollha xewk u gera lejn inzul ix-xemx.

Għalkemm kien ħafi, qiegħ riġlejh kien oħxon u iebes daqs għonq ta' barri. B'saqajh ħfief fis laħaq qasam missieru. Tefa' l-għażżiela ħdejn ftuħ il-għar, keċċa l-kelb li ma jmurx jisraqhielu u daħal ħerqan ġewwa.

Bil-kemm seta jara għax ix-xemx kienet ċajpritlu għajnejh. Il-ġemgħa żgħira li kien hemm ratu sewwa, iżda ħadd ma tkellem. Skiet kbir waqa' fl-għamajra għażiża tiegħu. Meta għajnejh qagħdu, ra lil martu bit-tifel imgeżwer fi ħdanha. Xeħet il-ħorġa ma' l-art fejn kien, mexa 'l quddiem, ħakem it-tarbija u ħareġ f'bieb il-għar.

Għolla t-tarbija 'l fuq fl-idejn żonqrija tiegħu u wara li offrieh lix-xemx ta' fil-għaxija, għarfu bħala tiegħu u għajjat "Tubal".

Il-proċessjoni ċkejkna b'Tubal fi ħdan ommu rħiet lejn l-għar l-imqaddes. Lamek kellu l-ġilda ta' leopard fuq dahru u katina snien kbar madwar għonqu. Ħuh kien qed iġorr l-għażżiela. Waqfu quddiem l-għar u Lamek sejjaħ lil Maldok. Dan ħareġ fil-misraħ żgħir ta' quddiem il-maqdes, għolla bastun maħdum minn zokk żebbuġa u mexxa lill-irġiel għal ġo l-għar. In-nisa baqgħu barra jgħannu u jdommu l-kuruni tal-fjuri.

Qiegħdu t-tarbija bejn żewġ suriet ta' barrin mimdudin ma' l-art u tefgħu l-bhima fuq il-mitbaħ. Niżlu għarkobbtejhom u xenglu rashom 'l hawn u 'l hinn. Maldok fetaħ il-vażett tal-kuluri u pinġa b'ħeffa ta' l-għaġeb u bi ġmiel liema bħalu l-vittma ta' fuq l-altar. Meta kien lest, Lamek qam, mar ħdejn it-tpinġija, ħa plattina nugrufum, qiegħed idu mal-ħajt u kesa l-wiċċ ta' madwar idu bl-iswed. B'hekk ħalla l-firma tiegħu.

Wara li qasmu l-għażżiela fi tnejn u warrbu l-qalb, qabbdu ħuġġieġa biż-żnied u t-tiben, xeħtu fiha zkuk ifewħu ta' l-alwiża u meddew is-sagrifiċċju fuq in-nar. Lamek tefa' ħarsa ta' mħabba lejn it-tarbija u ħareġ 'il barra flimkien ma' l-irġiel l-oħra.

Tubal xorob fil-fond mill-ispirtu ta' Axtart li kien hemm fid-duħħan tal-vittma. Id-duħħan mela l-għar, ħareġ u ħarab 'il fuq. Mas-sinjal ta' Malfok, Lamek daħal fil-għar, baxxa rasu quddiem iż-żiemel il-kbir impinġi ħdejn id-daħla u ħareġ lil ibnu 'l barra mill-maqdes. In-nisa qabżu fuq saqajhom u f'ġirja waħda daru madwar Lamek u Tubal u xeddewlhom il-kuruni b'ħafna lwien. Tkun imbierka Axtart.

Fi żmien il-ħsad, Adaħ kienet tqiegħed lil Tubal ġo qoffa u ġġorru magħha fl-egħlieqi, u għalkemm medhija f'xogħolha, dejjem kienet toqgħod b'seba' għajnejn għas-sriep. Ħuha kien fgah serp li daħallu fl-istonku għall-ħalib.



Ta' tlitt ixtiewi Tubal kien ġa jiġri ma' saqajn missieru u joħlom fil-kaċċa. Ta' sitt ixtiewi kien qabad fenek. Tgħidx kemm ħassu kburi jara 'l missieru ferħan bil-priża. Wara bosta qmura hu wkoll ħa tfajla b'martu u magħha nibbet il-ħajja ġo ġuf ieħor ta' l-art, l-omm ta' ħafna wlied.

* * *

Id-duwa għal sinna mħassra kienet ftit tajn imħallat ma' qatra semm minn xi serp żgħir. Il-minġel tal-ħsad kien xedaq ta' baqra bi xfar imtajrin miż-żnied. L-għata għax-xitwa kienet ġilda ta' żiemel selvaġġ.

U meta kien għadd ħamsin xitwa, raqad ma' missirijietu. Meddewh uliedu ġo qabar baxx, bi rkubbtejh ma' sidru, bħal tarbija fil-ġuf. Ksewh bi trab aħmar sħun, bi fjuri u bi friegħi friski, b'tiżjin għal meta jidħol f'Axtart permezz tad-duħħan li kien xorob f'żgħoritu.

Għannew għanja ta' niket lil Axtart il-mimduda.





ĠUŻÈ CASSAR PULLICINO B'TAGĦRIF ĠDID DWAR

# LUDOVIK MIFSUD TOMMASI (2)

KIENET KIF KIENET jidher li Mifsud Tommasi ma seta' qatt jeħles għal kollox mill-konflitt imnissel mill-ġibda lejn il-persuna li kienet qalbitlu moħħu fl-aqwa ta' żgħożitu. L-istess passjoni, l-istess tensjoni ta' l-ispirtu, l-istess inċertezza dwar l-identità tal-persuna maħbuba, jekk kinitx tiġi minnu jew le, u jekk wara kollox kienx hemm biss ġibda platonika bejniethom toħroġ mill-qari ta' l-ittri mħawda miktubin bejn l-1823 u l-1827 li jinsabu kkupjati fil-*Carteggio Famigliare* – manuskritt li jġib in-Nru. 622 fil-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt.

Għal żmien twil kienet ilha mrażżna dik il-ġibda, imbagħad ħin minnhom jidher li xegħlet mill-ġdid, bi tħarbit sħiħ fil-ħajja tan-nies konċernati. U Mifsud Tommasi kellu jħalli Malta, bil-kunsens ta' missieru u ommu u ta' l-Isqof, ħalli jipprova lilu nnifsu "*per far prova della mia fortezza*". Telaq nhar il-11 ta' Lulju, 1827 u wara iżjed minn sena f'Ruma u bliet oħra ta' l-Italja reġa' lura lejn it-tmiem ta' Lulju, 1828. Il-kriżi kienet ilha tiġma', u dawn is-siltiet minn xi ittri tiegħu miktubin tlieta jew erba' snin qabel jixhdu sewwa minn liema taqliba ta' l-ispirtu kien għaddej il-ħin kollu.

Nhar is-17 ta' Ġunju, 1823 fisser ruħu hekk: "... *ma in questi momenti son divenuto a guisa di uno stupido. Ah, chel lontano da voi io sono qual tronco insensato, uno* (sic) *corpo son senz'anima. Vorrei piangere ma mi mancano fino le lacrime, vorrei gridare ma non ho voce, vorrei strapparmi il crine ma non ho forza:...*"[1]

Tliet ġimgħat wara, fl-4 ta' Lulju, 1823 kiteb: "*La malinconia già quasi mi ha consumato, io non posso reggere più senza vedervi ... Io sono come quei popoli che sono privi per una porzione dell'anno della luce del sole, gianchè non posso godere la luce degli occhi vostri che sono per me un doppio sole di consolazione...*"[2]

Biex aktar nitħawdu, jidher li fl-istess żmien li kellu jsiefer sab ruħu f'inkwiet ma' waħda minn ħutu li l-iżjed kien jinġieb magħha. F'xi ittri miktubin 'l oħtu hemm l-istess ton ta' dwejjaq, ta' ħajja monotona u fl-istess ħin ta' familjarità, imma hemm imsemmi ċar li hu ħuha u li l-ġibda ta' bejniethom hija dik ta' bejn l-aħwa. F'ittra minnhom, mibgħuta minn Ruma nhar it-22 ta' Jannar, 1828 Mifsud Tommasi kitbilha: "... *Fui già ascritto tra gli Arcadi col nome di Filillo Lipano, e doveva presto recitare nell'Accademia, ma or ciò non sarà perchè la testa non mi regge... Par che non leggete le mie lettere, che vi siete dimenticata del mio sincero pentimento e che il vostro perdono non è vero: insomma avete giurato la mia morte ...; ditemi ... perchè mi negate il caro nome di vostro fratello...*"[3]

Ħafna snin wara, lil din l-istess oħtu kitbilha hekk f'April ta' l-1834, sena qabel ma beda joħroġ dik is-sensiela ta' kurunelli bil-Malti li għadha magħrufa sa llum: "... *Direte che io son risuscitato.... Ma che direte poi se vi rispondo che ancora sono tra li morti? Sì, cara, per molte cause io sono tra il morti... Forse altri sarebbe già o sotterra o alla palazzina. Ma io sempre piglio le cose a rovescio, e le mie disgrazie le stimo fortuna.... Amatemi, che nulla vi costa, ad amerete così colui che sempre con eguale affetto vi ama da sorella, essendo*

*Vostro fratello Ludovico*"[4]

Dawn l-ittri lil oħtu jingħażlu fit-ton, kif ukoll mill-kontenut, minn din l-oħra tal-4 ta' Frar, 1831 miktuba lil persuna li għandha mnejn kienet l-oġġett tal-ġibda passjonali mfissra fil-versi tiegħu ta' snin qabel: "... *o sospiro sempre la vostra tenerezza.... Voi mi amate non ho dubbio, ma per mia consolazione desidero di tanto in tanto la conferma.... Io non ho più nè amici nè confidanti, vivo ritirato, occupandomi in assettare e legare i miei libri... Non scrivo a vostro Signor Padre con quest'occasione perchè non ho materia. Egli è il mio Protettore, non dubito della sua possibile assistenza quando avran luogo le mie difese. Egli mi ama qual proprio figlio...*"[5]

Is-siltiet minn din l-ittra jiġbru fihom il-qagħda mħawda li għal żmien twil kienet ħarbtitlu l-paċi ta' ħajtu. Imħabba bil-moħbi, igħix għalih waħdu, jaħrab lil kulħadd, u qata' l-ħbieb li kellu. Missierha jħobbu bħal ibnu; jidher li kien bniedem influwenti u lilu seta' jgħinu, għalkemm iġiblu xi ftit tas-sudizzjoni. U aktarx li ma kien jaf xejn bil-ġibda ta' bejniethom. Jista' jkun għalhekk li t-tfajla kienet tiġi minnu, għandha mnejn kienet xi kuġina, kif hemm imsemmi fil-versi tal-għanja Nru. I "aħna ħbieb w aħna kuġini", u għalhekk il-biża' li kellu li niesha xejn ma jkollhom pjaċir bih:

*Lilek ingawdi lejl u nhar*<br>
*Jekk niesek jippermettuli,*<br>
*J'ommi, x'piena li ma bħalha*<br>
*Jekk lilek qatt jiċħduli.*

(*Kanz. Nru. X, p.28*)



Silta mill-oriġinal

S'issa tkellimna fuq il-versi bil-Malti ta' Mifsud Tommasi li jinsabu fil-manuskritt. Ta' min isemmi wkoll illi l-manuskritt fih taqsima oħra *Raccolta di varie canzonette, arie, ariette, duetti, farse, ecc.* li fiha hemm versi bit-Taljan ikkupjati, jiġifieri mhux miktubin, minn Luigi Rosato (1795 – 1872), skond ma hemm imniżżel fl-Indiċi. Billi xi ideat li jinqraw f'dawn il-versi jixbhu u jintrabtu ma' oħrajn ta' Mifsud Tommasi fil-kanzunetti bil-Malti li tkellimna fuqhom, nasal biex ngħid illi dawn il-versi bit-Taljan kienu miktubin ukoll minnu, u li ħabibu Rosato kien ikkupjahomlu fil-manuskritt.

Nagħtu biss żewġ eżempji ta' xebh ta' ideat bejn il-versi bil-Malti u dawk bit-Taljan fl-istess manuskritt. Mill-Kanzunetta II tal-Malti nisiltu din l-istrofa:

*Ikollok taċċetta dana l-patt*
*Li botti iżjed inti ma titfax,*
*Li tħobbni bħalma nħobbok*
*U minn ħaġ'oħra tagħtix kas.* (p. 5)

Fil-Kanzunetta III hemm ukoll strofa fejn jissemmew il-botti:

*Xejn immela ma jservi*
*Li bil-ħlewwa nirċievi l-botti tiegħek...?*

Ma' din l-idea wieħed jista' jqabbel il-versi bit-Taljan li naqraw fl-*aria* li tibda b'dawn il-versi:

*Son mezzo disperato*
*Perchè di giorno e notte*
*Sento dir (?) certe botte*
*Che mi martellano il core.* (paġna mhix enumerata)

Hekk ukoll, ma' l-istrofa bil-Malti fil-Kanzunetta VI

*Meta inti ma tkunx miegħi*
*Ir-ritratt tiegħek bejn għajnejja,*
*B'moħħi nittajjar għal fejnek*
*U b'qalbi nixtieqek ħdejja* (p. 17)

tintrabat fil-ħsieb din bit-Taljan li biha tiftaħ il-Kanzunetta VI:

*La notte io non riposo*
*Sempre mi stai presente*
*Nel cor e nella mente*
*Scolpita ci sei tu.* (p. 92)





**L-aħħar silta mill-manuskritt ta' Mifsud Tommasi**

Fid-dawl ta' dan li għedna, Mifsud Tommasi jixraqlu post minn ta' quddiem nett, qabel Ġ.A. Vassallo (1817 – 1868), fost dawk il-poeti bikrija li għannew it-tqanqil tal-passjoni tagħhom f'versi erotiċi fuq l-istil tal-popolari li jaqbżu l-limiti ta' dak li kien aċċettabbli mill-kultura kontemporanea fl-ewwel egħxieren tas-seklu dsatax.[6] Għandu mnejn li Mifsud Tommasi seta' jażżarda jagħmlu dan għax il-versi li kiteb ma kellu qatt il-ħsieb li jippubblikahom, u fil-fatt baqgħu manuskritti sa llum.[7]

Fl-aħħarnett, issa li sirna nafu b'dawn il-versi ta' mħabba u biċ-ċirkostanzi l-oħra li Mifsud Tommasi kien għaddej minnhom, wieħed jista' jorbot magħhom, sew fiż-żmien kif ukoll fil-ħsieb, fit-ton u fl-ispirazzjoni ż-żewġ poeżiji tiegħu *L-Irenejde* u *Ir-Rebbiegħa jew Żmien l-Imħabba* li dehru wara mewtu f'*Il-Ħabbâr Malti* – ta' l-ewwel fl-1880 – 1881 u tat-tieni fl-1884 – li dwarhom kont ktibt studju *Imħabba u Natura fl-Aħħar Żmien ta' Mifsud Tommasi* f'*Il-Polz* ta' Jannar – April, 1974. Inħossni ġustifikat li nirrivedi l-fehma jew suġġeriment li kont ressaqt ħdax-il sena ilu dwar l-epoka li fiha setgħu nkitbu dawn iż-żewġ poeżiji għax hija ħaġa wisq aktar loġika, u psikoloġikament qrib is-sewwa, li Mifsud Tommasi ħaddem il-vina romantika mhux fis-snin ta' xjuħitu bħala escapiżmu, imma fi żmien wieħed ta' żgħożitu meta kien imqanqal, maħkum u mħarbat mill-passjoni kbira li ispirat l-għaxar għanjiet bil-Malti bejn l-1816 u l-1821 kif semmejna f'dan l-istudju.

## NOTI

1. Bibljoteka Nazzjonali, Ms. 622, f. 12v.
2. *Ibid.*, f. 15v.
3. *Ibid.*, ff. 49r – 50r.
4. *Ibid.*, ff. 118r – 119v.
5. *Ibid.*, ff. 167r – v.
6. Ara, fuq is-suġġett, l-istudju ta' O. Friggieri, "Attitudnijiet Sesswali fil-Poeżija Maltija", fil-ktieb tiegħu *Saġġi Kritici*, 1979, pp. 271 294, imma l-iżjed pp. 279 – 284.
7. Fuq il-qoxra, minn ġewwa, jinqraw il-kelmiet "Padrone Ludovico Mifsud 1876". Jiġifieri sa tliet snin qabel ma miet, Mifsud Tommasi kien għadu qed iżomm il-Ms. għandu bla ma ppubblika xi versi li kien hemm fih.

# ĠUŻÈ ELLUL MERCER BĦALA PIJUNIER SOĊJO-POLITIKU

**FL-1924, il-pijunieri tal-moviment Laburista kienu bdew ixandru ġurnal importanti, il-*Labour Opinion*. Permezz ta' dan il-ġurnal kienu qegħdin jinxterdu l-fehmiet ta' nies letterati li, b'mod jew ieħor, ħallew impatt fuq il-letteratura Maltija. Fost dawn ta' min isemmi lil Ġwann Mamo, Ġino Muscat Azzopardi, Nikol Biankardi (magħruf l-aktar għall-ħidma tiegħu fil-kamp tat-teatru popolari), Ġużè Orlando Smith, John F. Marks u Fonzu Marija Galea, Senatur tal-klassi tal-Ħaddiema. Ġużè Ellul Mercer ukoll issieħeb ma' din ix-xitla ta' kittieba soċjo-politiċi biex iwassal il-ħsieb tal-Laburiżmu bikri fost il-massa tal-ħaddiema Maltin, imjassrin kif kienu minħabba l-miżerja materjali u mentali li nħakmu minnha.**

Ellul Mercer u sħabu kienu jinsistu illi t-twemmin Laburista tagħhom kien ibbażat fuq il-messaġġ evanġeliku ta' Kristu u fuq il-linji soċjali murija fl-enċiklika *Rerum Novarum* tal-Papa Ljun XIII,[1] li kien tkellem dwar id-dinjità morali tax-xogħol, id-drittijiet tal-ħaddiema għal salarju ġust, għat-tifdil u s-serħan meħtieġ u drittijiet oħra "ibbilanċjati minn dmirijiet ta' rispett u ta' mħabba"[2] bejn min jaħdem u min iħaddem. L-ewwel Laburisti kienu jinsistu illi huma kellhom kull rispett lejn il-Knisja Kattolika u li, filwaqt illi kienu "jinvokaw l-Iskrittura u l-Bibbja Mqaddsa",[3] kienu jqisu lilhom innifishom bħala "egħdewwa ħorox tas-Sindakaliżmu Rivoluzzjonarju tant in voga fi Franza u fl-Italja".[4] Il-gazzetta *Labour Opinion* saħansitra kienet fissret illi l-Partit tal-Ħaddiema "skarta mill-fili tiegħu lil min huwa magħruf bħala dissident reliġjuż".[5] Il-ġurnaliżmu Laburista Malti fis-Snin Għoxrin kien iqis illi stqarrijiet bħal dawn li ġejjin kienu importanti:

> *Il-Partit tal-Ħaddiema hu moviment ġdid għalina, imma mhux għalhekk għandu wieħed jifhem li ġie mwaqqaf bl-intenzjoni li ningħaqdu mad-Demokrazija Soċjali tal-Ġermanja u mal-Partiti Soċjalisti ta' Franza u ta' l-Italja... Fuq kollox, fil-Partit tagħna għandna numru sabiħ ta' aderenti li jappartjenu lill-Kleru.*[6]

> *Il-Partit Laburista "huwa partit li waqqaf il-programm fundamentali fuq ir-Rerum Novarum"; huwa l-partit "li jżomm fis-sala tad-deċiżjonijiet tiegħu x-xbiha tal-Qalb ta' Ġesù li bl-għajnuna Tagħha kiber u jikber.*[7]

Il-kitba ta' Ellul Mercer, rumanzier u artikolista tinkwarda ruħha fil-programm "rivoluzzjonarju" li riedu jwettqu l-pijunieri Laburisti favur l-emanċipazzjoni tal-ħaddiema. Il-programm kien jinkludi wkoll fehmiet illi għal żmienhom kienu immaġinattivi bil-bosta. Fost il-miżuri li riedu jieħdu l-pijunieri Laburisti ta' min isemmi



Ellul Mercer ħassieb soċjali

l-proposta li wlied il-ħaddiema jibdew jieħdu l-edukazzjoni tagħhom permezz taċ-ċinematografija, li f'dawk iż-żminijiet kienet tixgħel il-fantasija ta' kulħadd. Kien sar appell speċjali lill-Mons. Dandria, Ministru ta' l-Edukazzjoni, biex jinfetaħ ċinematografu *"ta' tagħlim u ta' ftuħ il-moħħ"*.[8]

Ellul Mercer, bħal sħabu, kien iqiegħed il-kondizzjoni miżera tal-ħaddiema fqar Maltin fl-isfond ta' l-ambizzjoni supperva tal-klassi ta' ċerti nies mimlijin "bid-duħħan tat-titli u l-unuri".[9] Fil-fehma ta' l-ewwel Laburisti, dan kien imur kontra t-tagħlim tas-"Soċjaliżmu li għallimna Sidna Ġesù Kristu." Is-silta li ġejja hija tipika:

> *Meta l-klassi aristokratika tbaxxi lill-ħaddiem, tkun qed tmur kontra kull prinċipju ta' Kristjaneżmu għar-raġuni li (għaliha) il-kelma ħaddiem hija oġġett materjali u degradazzjoni soċjali.*[10]

L-injoranza kienet murija fil-kruha "misħuta" tagħha:

> *għajn ta' saħta u miżerja* (li tista' twaqqa' lill-bniedem f'disprament) *jekk kemm-il darba ma jagħtix irkaptu serjament liema triq soċjali għandu jaqbad biex ma jagħmilx għajb lilu nnifsu u lil Art Twelidu.*[11]

Il-ħtieġa għat-tagħlim hija spjegata tajjeb biżżejjed fix-xogħlijiet letterarji u ġurnalistiċi ta' Ġużè Ellul Mercer. Il-ġlieda interna tal-protagonista f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* hija waħda li għandha x'taqsam mal-kunflitt personali ta' bniedem li ried jitgħallem, li ried jifhem u jiddawwal.[12] Il-moraliżmu soċjali ta' Ellul Mercer huwa mxerred mhux biss fl-aħjar kitbiet letterarji tiegħu, iżda wkoll fit-testment ġurnalistiku li ħalla warajh bħala politiku. Fil-fehma ta' Ellul Mercer,[13] biex kull xorta ta' tmexxija soċjali tista' timxi bla mfixkla u f'hena u armonija perfetta, hemm bżonn dawn il-kwalitajiet:

**Ellul Mercer tifel ta' għaxar snin.** (Ħajr: Ġużè Cassar Pullicino)



1. ġustizzja safja f'min jiggverna u mħabba għall-ġid tal-poplu
2. suġġizzjoni u dixxiplina konfidenti fil-kotra tal-poplu, flimkien ma' ħidma kontinwa u għajnuna lill-Gvern
3. konvinzjoni retta fl-opinjonijiet li jgħożż l-individwu b'fehma soda li l-individwu jgħix u jaħdem skond il-konvinzjoni tiegħu
4. enerġija, b'forza l-aktar qawwija, lejn l-edukazzjoni obbligatorja.

F'artiklu li Ellul Mercer ikkontribwixxa lill-ġurnal *Labour Opinion* nhar is-7 ta' Awissu, 1924, naqraw dwar il-ħtieġa tal-forza fl-għaqda tal-Ħaddiema biex tkun ikkumbattuta l-injoranza u l-mibegħda. Fl-istess artiklu, Ellul Mercer, filwaqt li kiteb dwar il-ħsara li jagħmel il-kunflitt bejn il-mexxejja ta' partit politiku, saħaq li qatt m'għandu jkun issagrifikat l-amor proprju

**Xbiha ta' Ellul Mercer f'żgħożitu: l-edukazzjoni bħala għodda kontra l-miżerja tal-kotra**





Ellul Mercer f'laqgħa ta' l-Akkademja tal-Malti.
(Ħajr: Ġużè Cassar Pullicino)

għall-imħabba tal-Partit. Ellul Mercer fisser ukoll illi l-Partit tal-Ħaddiema għandu jirbaħ bl-onestà, bit-tbatija u bil-ħila tal-mexxejja tiegħu.

Preokkupazzjoni oħra li ta' spiss tixref fix-xogħol letterarju-ġurnalistiku ta' Ellul Mercer hija marbuta ma' l-idea tal-"profeti foloz", dawk illi juru lill-kotra tal-ħaddiema "id-dawl artifiċjali" li m'għandu x'jaqsam xejn ma' l-imħabba vera tal-proxxmu.[14] Għal Ellul Mercer, il-metafora tad-"Dawl" kellha tifsira importanti ħafna fil-programm rivoluzzjonarju favur l-edukazzjoni tal-kotra tal-ħaddiema. Għalih, id-"Dawl" kien ifisser "l-iżvilupp mentali li jwassal għall-qerda tal-mibegħda".[15] Ellul Mercer ma kien jara l-ebda tifsira f'ħolqien li ma jaħsibx: għalih, il-ħsieb kien "xi ħaġa ta' ġmiel u għaġeb bla tarf, xi ħaġa li tagħraf lilha nfisha u lil-bqija".[16]

**Joyce Cassar**

## NOTI

1. Flimkien ma' l-enċiklika *Quadrogesimo Anno* ta' Piju XI, ir-*Rerum Novarum* riedet iddawwal id-dinja bit-tagħlim tal-Vanġelu f'dak li kellu x'jaqsam ma' l-imnikktin u dawk imneżżgħin mid-dinjità tax-xogħol.
2. Ara t-traduzzjonijiet ta' *Rerum Novarum* u *Quadrogesimo Anno* tar-Rev. Dun Karm Sant, pubblikazzjoni ta' l-*Għaqda ta' Qari Tajjeb*, 1945.
3. Ara l-gazzetta soċjo-satirika *Ċiaħan*, 3.5.1924.
4. *Ibid.*
5. *Ibid.*
6. Ara l-artiklu *Il-Partit tal-Ħaddiema u s-Soċjaliżmu*, miġjub fil-*Labour Opinion*, 8.5.1924. Għall-bidu, diversi pijunieri Laburisti f'Malta innegaw illi l-Laburiżmu tagħhom kellu x'jaqsam mal-prinċipji soċjalisti, iżda din il-pożizzjoni kienet modifikata maż-żmien u ċerti pijunieri Laburisti ma kinux jiddejqu jidentifikaw lilhom innifishom mas-soċjaliżmu internazzjonali.
7. Ara l-artiklu ewlieni *Ir-Reliġjon Tagħna* fil-*Labour Opinion* ta' l-14.8.1924.
8. *Labour Opinion*, 26.11.1925.
9. *Op. cit.*, 3.12.1925.
10. *Ibid.*
11. *Ibid.*
12. Għal aktar ideat dwar il-kixfa tat-tbatija soċjali fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ara, O. Friggieri, *Leli ta' Ħaż-Żgħir: Mir-Realtà għall-Kuxjenza*, pubblikazzjoni tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni 1983 pp 12–17
13. Hawnhekk qed issir referenza partikolari għal artiklu importanti illi Ellul Mercer xandar fil-*Labour Opinion* fl-24 ta' Lulju, 1924.
14. Ara s-sensiela ta' sitt artikli li Ellul Mercer kiteb taħt ir-ras *Ħsibijiet Fiergħa* u li dehru mxandrin fil-*Labour Opinion* bejn it-23.7.1925 u t-13.8.1925.
15. *Labour Opinion*, 30.7.1925.
16. *Ibid* Għall-problema tal-ħażen u x-xbiha tad-dawl fix-xogħol letterarju ta' Ellul Mercer, b'mod partikolari f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*, ara O. Friggieri, *cit.*, pp. 20–24.


LABOUR OPINION

ORGANU UFFIĊJALI TAL PARTIT TAL ĦADDIEMA (LABOUR PARTY)

**Ir-ras tal-gazzetta *Labour Opinion* fl-1924**

# KIF TIFHEM IL-LETTERATURA

GĦALL-APPREZZAMENT TA' XOGĦOL LETTERARJU tgħodd l-ewwel impressjoni ta' xogħol partikolari bħala unità totali. Qabel ma wieħed jipprova janalizza ċertu xogħol, huwa neċessarju li s-silta kollha (poeżija, proża narrattiva jew drama) tinqara bl-għaġla. Minn dan l-ewwel qari mgħaġġel wieħed għandu jieħu impressjoni ġenerali tal-vokabularju. L-ewwel qari jista' juri wkoll li ser tiġi wiċċ imb'wiċċ ma' suġġett li normalment ma jinteressak xejn jew li ma jappellax għall-gosti tiegħek fil-preżent. Jeħtieġ li f'każi bħal dawn taċċetta li jeħtieġ tinħoloq ċerta empatija għax-xogħol li għandek quddiemek.

Trid tingħata attenzjoni biex wieħed ma jinqabadx fix-xibka tal-preġudizzju. Qabel xejn, l-istudent irid jifhem u mhux *jiġġudika:* it-test letterarju jrid jinqara' b'moħħ miftuħ, avolja jista' jkun 'il bogħod ħafna minn kif l-istudent jifhem jew jara l-affarijiet.

Tista' tikklassifika xogħol letterarju ma' l-ewwel daqqa ta' għajn? Ħafna xogħlijiet letterarji ma jistgħux jiddaħħlu f'qafas jew kategorija sempliċi daqshekk, lanqas wara ħafna studju. Mhux neċessarju li tingħata tikketta lil xogħol letterarju; jew għallinqas, li tagħti tikketta lil xi xogħol partikolari m'għandux ikun l-iskop finali tal-kritika matura. Huwa aktar importanti, ngħidu aħna, li l-istudent jinduna jekk ix-xogħol li għandu quddiemu huwiex wieħed diskursiv jew immaġġinattiv. F'xogħol diskursiv, l-awtur jirrekordja jew jirrapporta aspetti xjentifiċi, storiċi, bijografiċi jew skolastiċi. L-awtur għandu l-għan li jiżviluppa materjal li diġà jeżisti u jipprova jilħaq skop ewlieni: il-preċiżjoni tal-fatti kif stħarriġhom hu. Min-naħa l-oħra, l-awtur immaġinattiv joħloq dinja tiegħu nnifsu; jifforma l-esperjenzi tiegħu f'unità artistika li tikkwalifika bħala "letteratura".

Forsi hawnhekk ta' min jirriproduċi t-tabella dwar it-tipi ta' letteratura li kien issuġġerixxa l-kritiku Vernon Ruland:

## TIPI TA' LETTERATURA

- A. LETTERATURA DISKURSIVA
  - Trattat
  - *Essay*
    - Formali
    - Informali
      - Espożitorju
      - Argumentattiv
      - Narrattiv
      - Deskrittiv
- B. LETTERATURA IMMAĠINATTIVA
  - Proża Fittizja
    - Rumanz
    - Rumanzett
    - Storja Qasira
    - Ħrafa
  - Drama
    - Drama Prożajka
    - Drama Poetika
      - Kummiedja
        - Klassika
        - Traġikomika
        - Melodramm
        - Rumanz
        - Farsa
        - Satira
        - Fantasija
      - Traġedja
        - Klassika
        - Storika
        - Ġrajja
        - Problematika
  - Poeżija
    - Narrattiva
      - Epika
      - Ballata
      - Ġrajja
      - Metrika
    - Lirika
      - Sunett
      - Odi
      - Eleġija
      - Pastorali
      - Lirika Drammatika
      - Lirika Ġenerali

Din it-tabella hija rappreżentazzjoni viżiva tal-kategoriji ewlenin tal-letteratura. Għalkemm ma teżawrixxix il-ġeneri kollha tal-letteratura, xorta toffri gwida siewja biex wieħed jagħmel ċerti klassifikazzjonijiet ġenerali. Jidher ċar mit-tabella illi poeżija li tirrakkonta sensiela ta' inċidenti wara xulxin għandha tkun ikklassifikata bħala poeżija *narrattiva*. Il-poeżija *lirika*, mill-banda l-oħra, hija aktar personali, melodjuża u turi dispożizzjoni immaġinattiva dwar tema partikolari li tolqot lill-poeta.

Meta jkun qiegħed jikkritika test letterarju, hemm diversi mistoqsijiet li jistgħu jgħinuh lil dak li jkun. Bħala nota ġenerali wieħed jista' jagħmel dawn il-mistoqsijiet: X'sensittività lejn is-suġġett qed tiddomina f'dan ix-xogħol? X'viżjoni tal-bniedem u tad-dinja (ambjentali jew universali) toħroġ mix-xogħol? X'inhi l-viżjoni fiżika li tiddomina? X'inhi l-viżjoni *mentali* li tiddomina? Forsi aħjar infissru ftit it-termini *viżjoni fiżika* u *viżjoni mentali*.

Il-viżjoni fiżika hija marbuta ma' l-ambjent (attwali jew immaġinarju) li fih tinġabar is-sitwazzjoni li joħloq l-awtur jew il-poeta: taħt il-baħar, mill-għoli ta' bejt, muntanja, il-ġewwieni ta' bosk, fost l-oħrajn. Il-*viżjoni mentali* turi minnufih l-attitudni ta' l-awtur dwar dak li jkun qiegħed jikteb: din l-attitudni tista' tkun simpatetika, ironika, kwalunkwista, reliġjuża u ostili, fost l-oħrajn.

Fil-każ tal-poeżija, jista' jkun illi jkun hemm stati differenti ta' emozzjonijiet jew attitudnijiet li jvarjaw minn strofa għal oħra, jew minn taqsima għal oħra tal-poeżija. Hawnhekk, l-istudent irid iqis bil-galbu kif it-tema u l-metodu jikkumplimentaw lil xulxin, jew jekk jikkumplimentawx lil xulxin biżżejjed.

Fin-narrattiva jinħass l-aktar *il-moviment:* in-narrattiva hija sempliċement sekwenza ta' azzjonijiet illi jinvolvu (i) il-ġmigħ tat-tensjoni u (ii) it-tisfija minn dik it-tensjoni. Xi mkien bejn iż-żewġ pożizzjonijiet hemm il-*climax*. Din it-tabella tista' tkun ta' użu ġmielu:

*CLIMAX*

KOMPLIKAZZJONI — RIŻOLUZZJONI

ESPOŻIZZJONI — KONKLUŻJONI

Fil-quċċata tat-"trijanglu" hemm il-*climax*, il-punt l-aktar intensiv tat-tensjoni jew tal-kunflitt. Ir-riżoluzzjoni tirreferi għall-ġrajjiet li jitnisslu wara l-punt tal-*climax*; fl-istadju tar-riżoluzzjoni, il-kunflitti jibdew jirriżolvu ruħhom u tibda dieħla ċerta stabbiltà li twassal għall-konklużjoni, li tista' tagħti ħjiel għal dak li jkun ser jiġri 'l hinn mill-egħluq formali ta' l-istorja. Fil-letteratura, il-fażi tar-riżoluzzjoni u dik konkluživa normalment jittieħdu flimkien taħt aspett ieħor, id-*denouement*.

L-aħħar kelma dwar l-użu tas-simboli jew tal-metafori f'test letterarju, sew jekk huwa poetiku, narrattiv jew drammatiku. Simbolu huwa ffurmat minn kelma, persuna, azzjoni jew oġġett illi joffri tifsira li tmur wisq aktar 'il bogħod mit-tifsira ordinarja li għandu fil-ħajja ta' kuljum. Per eżempju: fil-ħajja ordinarja, in-nar għandu użu domestiku, iżda f'test letterarju, in-nar jista' jkun simbolu ta' purifikazzjoni, l-istess bħalma jista' jingħad għall-ilma. Biex nieħdu eżempju ieħor: l-idea tat-taxxa fl-organizzazzjoni tas-soċjetà għandha użu pożittiv għax toffri dħul finanzjarju biex il-Gvern jinvesti fis-servizzi soċjali u jtejjeb l-ekonomija. Iżda fi dramm, persunaġġ li huwa *kollettur tat-taxxi* jista' jissimbolizza t-tirannija ta' reġim oppressiv kontra l-poplu.

**J.C. BRIFFA**

## *SUĠĠERIMENTI GĦALL-KRITIKA PRATTIKA*

**LIVELL O**

L-aktar mistoqsija diffiċli li jsibu l-istudenti tal-Malti fil-Matrikola hija t-tielet taqsima tat-II Karta fuq il-Kritika Prattika. Il-problema hija kumplessa ħafna aktar milli jaħsbu l-għalliema u l-istudenti minħabba l-antagoniżmu kbir li jitilgħu bih it-tfal kontra l-Poeżija sa minn ċkunithom, in-nuqqas ta' ambjent artistiku fil-familja Maltija li għadha marbuta mal-prinċipju falz li ktieb jinxtara biss jekk ikun għall-eżami u, agħar minn hekk, il-poeżija tinkiteb u tiswa biss biex it-tfal jitgħallmuha bl-amment! *U m'hux veru li poeżija jrid ikollha r-rima biex tkun tajba.*

Is-suġġerimenti li ġejjin għandhom il-ħsieb li jgħinukom lilkom l-istudenti biex iġġarrbu, forsi għall-ewwel darba, il-gost artistiku tal-Poeżija u b'hekk teqirdu l-flieles kollha li għandkom f'moħħkom kontrieha. Meta jkollok poeżija quddiemek

1. aqra l-isem għax jista' jissuġġerilek it-tifsira tal-poeżija.
2. agħti daqqa ta' għajn lejn xi daħla li jista' jkollha għax tista' tagħtik xi tagħrif jew xi ħjilijiet fuq it-tifsira tal-versi.
3. aqra l-poeżija bħala ħaġa unita u mhux bil-vers.
4. aqra l-poeżija bl-għaġla biex tikseb l-idea ġenerali tagħha.
5. aqra bl-akbar attenzjoni l-mistoqsijiet li ngħatawlek fuqha.
6. aqra bl-akbar attenzjoni l-poeżija kollha biex tikseb kemm tista' t-tifsira sħiħa; jekk hemm bżonn, aqraha iżjed minn darba.
7. fittex it-tifsira tal-kliem "stramb" jew ta' dak il-kliem li m'huwiex jintuża fis-sens tas-soltu, bħall-użu figurrattiv tal-lingwa.
8. fejn kull strofa jew taqsima ikteb taqsira tagħha biex ma' l-ewwel daqqa ta' għajn tifhem l-iżvilupp tal-ħsieb.
9. agħraf x'inhuma l-burdata, it-ton, l-azzjoni, l-emozzjoni, eċċ. tal-poeta.
10. erġa' aqra l-mistoqsijiet li ngħatawlek u weġibhom *f'qalbek* u mbagħad weġibhom bil-kitba.

* * *

Il-poeżija hija ekonomika u konċiża fl-għażla tal-kelma, mhux bħall-proża. Il-poeta jaħtaf mument ta' ispirazzjoni biex joħloq l-effett tiegħu u jgħaddih lill-qarrej. Biex iħalli dan l-effett il-poeta jrid jagħżel il-kliem bl-akbar reqqa, jagħti kas tal-ħsejjes ta' kull waħda minnhom, tar-ritmu tagħhom u ta' l-assoċjazzjonijiet li jqanqlu f'moħħ il-qarrej. Ma' dawn jidħlu l-allużjonijiet, it-tifsiriet doppji, ir-referenzi simboliċi u t-tixbih. Il-poeta għandu biċċa xogħol kbira x'iwettaq. Mela, għalfejn għandna nitgħażżnu u ma nidħlux għall-isfida letterarja biex napprezzawh?

**ĠORĠ MIFSUD**

# خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٦)
# Pass pass lejn il-Livell Ordinarju(6)

•jaqbad minn paġna 216

Kif diġà għedna l-ħamża għandha l-ħoss ta' *q* fil-Malti.

Fil-bidu l-ħamża tinkiteb fuq jew taħt l-*elif.*

أَ Meta tinkiteb fuq l-*elif* bil-fetħa fuqha, din tinqara *qa*

أُ Meta tinkiteb fuq l-*elif* bid-damma fuqha, din tinqara *qu*

إِ Meta tinkiteb taħt l-*elif* bil-kasra taħtha din tinqara *qi*


missier

أَبّ *q*ebb (missier)


omm

أُمّ *q*umm (omm)


iben

إِبْن *q*ibn (iben)

# Taħriġ (2): Għaqqad l-ittri biex tifforma kliem.


bajd ________ ← ب ي ض


ajruport ________ ← مَ ط ا ر


dell ________ ← ظِ ل


tron ________ ← عَ رْ ش



arloġġ ________ ← سَ ا ع ة


ħaxix ________ ← عُ شْ ب


għar ________ ← مَ غ ا رَ ة


moħħ ________ ← دِ م ا غ


tieqa ________ ← نَ ا فِ ذ ة



xadin ____________ ← قِرْد



pjaneta ____________ ← كَوْكَب



friġġ ____________ ← ثَلّاجَة



qanpiena żgħira ____________ ← جُلْجُل



tigra ____________ ← نِمْر




ġeli ____________ ← هُلام



tifel ____________ ← وَلَد



xmara ____________ ← نَهَر



gżira ____________ ← جَزِيرَة

•jissokta f'ħarġa oħra



# L-AFRIKA LLUM

## MILL-KONTRIBUT TAL-QARREJJA

**DIN IS-SENA għalqu sewwasew it-tnejn u erbgħin sena minn mindu l-kanunati u l-isplużjonijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija tbiegħdu mill-ixtut tal-Afrika fl-1943 u resqu lejn il-Kontinent.**

Għal madwar sittin sena, il-qawwiet Ewropej tal-Punent, jiġifieri l-Ingilterra, Franza, Spanja, il-Portugall, l-Italja, il-Belġju u l-Ġermanja kienu ilhom jaħkmu dan il-kontinent kbir. Qasmuh bejniethom, bigħuh, serqu, kissru u għamlu li riedu – dejjem mingħajr ma taw kas tan-nies tal-post. Il-Gwerer li seħħew mijiet ta' kilometri 'l bogħod ġabu mibegħda u mewt lill-eluf ta' Afrikani li ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-affari. L-Italja, l-iktar taħt il-Faxxiżmu kiefer ta' Mussolini 'rebħet' lill-egħdewwa primittivi tagħha fl-Etjopja, il-Libja u s-Somalija bil-gass, bl-ajruplani, bit-tankijiet u bil-maxingans. Il-Franċiżi fis-Saħara sfurzaw ir-rieda tagħhom fuq popli li ma riduhom b'xejn. Fil-Kongo u fl-Afrika ta' Isfel il-Belġjani u l-Boeri ttrattaw lill-Afrikani mill-agħar.

Biss, din hi dehra daqsxejn pessimista. Veru li l-Ewropej ġabu ħafna ħażen u tbatija fuq dawn l-imsejkna imma hu veru li għamlu ħafna ġid ukoll. Huwa veru li ħafna emigranti kienu jmorru biss biex jisolħu kemm jistgħu iżda veru wkoll li nies bħal Livingstone u Albert Schweitzer offrew ħajjithom għal dawn in-nies.

L-attività kolonjalista ssaħħet wara l-1870 minħabba li bosta pajjiżi kellhom ħafna flus, ftit xogħol, ħafna nies u mkien fejn jespandu fl-Ewropa. Minn kolonji madwar il-kosta bdiet tiġrija sa l-intern sakemm fl-1938 l-Afrika kollha kienet taħt idejn l-Ewropej barra l-pajjiż żgħir tal-Liberja li baqa' taħt influwenza Amerikana.

Iżda fl-1945, wara t-Tieni Gwerra Dinjija, għalkemm bl-akkwist ta' l-ex-kolonji Taljani, il-pajjiżi l-oħra dehru aktar b'saħħithom, bdew jidhru l-ewwel xquq fis-sistema kolonjalista. Fil-gwerra, l-Ingliżi, il-Franċiżi u l-Belġjani kienu tilfu ħafna industriji u ħafna nies, u l-ħerba li ħalliet warajha l-gwerra kellha ddum ħafna biex tirranġa. Suldati Afrikani kienu ġġieldu barra minn pajjiżhom u raw kemm kienu baqgħu lura. Meta raw it-telfiet kbar li ġarrbu mill-Faxxisti, tilfu t-twemmin fil-mit tas-superjorità tal-kolonjalisti. Fl-Amerka s-suwed bdew isemmgħu leħenhom u l-propaganda komunista bdiet ixxewwixhom kontra l-Ewropej. Fl-Asja, fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani bdew il-movimenti għall-indipendenza.

Sa l-1969, wara ġlied imdemmi fil-Kongo, fil-Marokk, fl-Alġerija, fil-Kenja u fil-Możambik u l-Angola, il-biċċa l-kbira ta' l-Afrika kienet indipendenti. Iżda l-Afrikani sabu li l-Indipendenza ma kinitx dak ir-rimedju li tant xtaqu. Ftit minnhom kienu mħajra jew kapaċi biżżejjed biex imexxu l-pajjiżi; malli l-aħħar truppi barranin telqu, infexxu fir-rivalità tat-tribujiet antiki; bdew ixaqilbu lejn l-estremiżmu u d-dittatorjati. Fil-Kongo, bħala vendikazzjoni, il-Belġjani saħansitra kienu ħadu t-tappijiet ta' l-ilma magħhom – tant ma ħallewlhom xejn.

Il-kolonjalisti bħall-Portugiżi u l-Belġjani ħadu gost għax qalu li sewwa kienu sostnew huma qabel. Fl-'Imperu' Ċentrali Afrikan smajna lil Bokassa jiftaħar kemm kien kiel trabi umani. Fl-Uganda, dittatur ieħor, Idi Amin, kien joqtol nies għal xejn b'xejn. Fin-Niġerja u l-pajjiżi oħra qribha kellna kolp ta' stat wara ieħor u ġlied bejn tribù u ieħor. Fir-Rodeżja, minoranza bajda baqgħet issostni d-dominanza tagħha u fl-Afrika ta' Isfel tfaċċat it-theddida tar-razziżmu. Fil-pajjiżi Għarab kien hemm id-dittaturi popolari bħal Nasser, Sadat, Gaddafi u Bourguiba li bdew jinfluwenzaw aktar lix-xena barranija. F'kemm ili ngħidlek l-Afrika saret arena ta' ġlied li fiha daħlu s-superpotenzi, minn naħa u minn oħra, pajjiżi ġirien, merċenarji, terroristi, gwerilli, kolpi ta' stati . . . kollox.

L-ikbar taqlib seħħ matul is-Sebgħinijiet. Illum, fl-1985 il-qagħda tjiebet f'bosta pajjiżi. Il-ġlied bejn l-Etjopja u s-Somalja waqaf, ir-Rodeżja reġgħet ġiet f'idejn il-poplu Afrikan u saret iż-Żimbabwe u Bokassa u Idi Amin tneħħew. Fiċ-Ċad, rivoluzzjoni kontra dittatur mgħejjun mil-Libja irnexxiet . . . iżda mbagħad xorta għad fadal l-inkwiet. Tista' tgħoddhom fuq id waħda l-pajjiżi li fihom m'hix qed issir vjolenza politika jew razzjali ta' tip jew ieħor.

Il-ġlied m'huwiex l-unika problema ta' l-Afrika kontemporanea. Fil-pajjiżi ta' l-Afrika tan-nofs ilha ħafna ma tagħmel ix-xita u biex tgħaqqadha dawn huma l-iktar pajjiżi fqar u għalhekk, l-agrikoltura falliet, il-bdiewa jaħarbu lejn l-ibliet u d-deżert jikber. Is-Saħara, ġa l-ikbar deżert fid-dinja, qiegħed jikber bir-rata ta' żewġ metri, fuq kull naħa, fis-sena. Din is-sena, qegħdin imutu miljuni bil-ġuħ f'pajjiżi bħall-Etjopja, is-Somalja, in-Niġer u s-Sudan.

L-injuranza kbira li taħkem fuq il-massa tal-poplu taħti fil-biċċa l-kbira għall-problemi li qed jheżżu lill-Afrika. In-nies iħallu 'l kull min irid jidħak bihom; il-ftit edukati jaraw li m'hemmx futur f'pajjiżhom u jemigraw lejn l-Ewropa – kultant l-istess pajjiżi li tant iġġieldu kontriehom biex jiksbu l-indipendenza! Anki wara li l-ġlied jieqaf u l-għaqda tinkiseb, xorta hemm bżonn iż-żmien għar-rikostruzzjoni. Il-bdiewa xorta waħda jibqgħu jaħdmu l-art kif ilhom minn żmien il-brodu – meta jaraw li dan m'hux tajjeb, għax ma jafux aħjar, jaqbdu u jitilqu. Il-pajjiżi l-oħra li suppost 'qed igħinu', kulma jagħmlu hu li jagħmluhom dipendenti fuqhom, biex b'hekk jiksbu vantaġġi ekonomiċi u militari. L-Afrikani stess, flok isibu alternattivi oħra, jaqbdu jaqtgħu qalbhom u jaħarbu biex isiru gwerilli; ikissru, joqtlu u jitqatlu . . . u s-sabiħa qiegħda li jekk jirbħu, lanqas jafu x'jagħmlu bis-setgħa gdida tagħhom ħlief li jipprovaw jibqgħu minn fuq huma!

Nuqqas ieħor jidher fl-ekonomija. Meta kien għad hemm il-kolonjalisti, l-industriji tal-post kienu speċifikati biex jikkumplimentaw il-produzzjoni tal-pajjiż ħakkiem, jew inkella biex idaħħlu l-flus, bħall-kafè jew iz-zokkor, mhux skond il-bżonn ta' l-Afrikani. Bil-finanzi miżeri tagħhom jew forsi minħabba li naqsu milli jippjanaw għall-futur, l-ex-kolonji ma ddiversifikawx il-prodotti tagħhom. Għalhekk, kull meta d-domanda għall-kafè ngħidu aħna jew il-karawett tonqos, dawn il-pajjiżi jbatu. Naturalment, dan ma jagħtix lok għal xi żviluppi ekonomiċi kbar!

Il-mentalità Afrikana – l-aktar dik tas-suwed – taħti ħafna għad-diffikultajiet li dan il-kontinent sab ruħu fihom. L-Afrika fil-ħamsin sena li għaddew ħtiġilha tagħmel dik il-bidla li aħna l-Ewropej domna elfejn sena biex nagħmluha. M'għandniex xi ngħidu, dan ħoloq taqlib kbir. Għax mingħalihom li se jsibu l-flus jiġru fit-triq, iż-żgħażagħ malajr jitilqu mill-irħula għall-ibliet. Din il-ħaġa, minħabba li l-Afrika hija kontinent agrikolu, hi ġà diżastru. Iż-żgħażagħ, li ma jkunu jifhmu f'xejn ħlief fil-biedja, ma jsibux xogħol. Ma jistgħux jerġgħu lura, għax jisthu jew jibżgħu, għalhekk jagħtuha għas-serq jew għall-vjolenza. Ċirku wieħed ta' żbalji.

Minkejja dawn il-problemi kollha u għalkemm miljuni qegħdin imutu jew ibatu, ma nistgħux ma nammettux l-iżviluppi li għamlet l-Afrika llum. B'użu ġust li qed jagħmlu mill-ġid naturali bħax-xmajjar u l-metalli prezzjużi, dawk il-pajjiżi bi gvernijiet tajba qegħdin iġibu l-kapital għall-proġetti ferm bżonnjużi ta' żvilupp. Ftit pajjiżi ex-kolonjalisti bħall-Franċiżi u l-Ingliżi, bejn għax iridu relazzjonijiet aħjar u bejn għax jixtiequ li jiżviluppawhom huma biss, qegħdin igħinu lill-Afrikani kemm bit-teknoloġija kif ukoll b'tagħlim u għajnuniet finanzjarji. Il-Franċiżi jgħinu lill-Alġerija, iċ-Ċad u l-Marokk, filwaqt li l-Ingliżi għenu fis-soluzzjoni tal-problema ta' Żimbabwe.

Bil-voti tagħhom fil-Ġnus Magħquda, il-pajjiżi ta' l-Afrika saru forza politika kbira. Bl-eċċezzjoni ta' xi ftit pajjiżi qegħdin jieqfu sew lill-Qawwiet il-Kbar. Dan għandu r-riżultat indirett li dawn il-Qawwiet iżidu l-għajnuna biex b'hekk dak li jkun aktar jiffavorihom.

L-Afrika ta' Isfel tibqa' l-aħħar sur tal-kolonjalisti antiki u tar-razziżmu. Assedjata minn kull naħa u minn ġewwa wkoll, il-komunità bajda ta' l-'Afrikaners' tibqa' iebsa għal kull theddida. Kienet kapaċi tiskansa t-taħwid li heżżeż lill-pajjiżi l-oħra, għax mogħnija b'ġid naturali kbir, illum tista' tgħid li hi l-uniku pajjiż Afrikan b'ekonomija soda u rispettata.

L-Afrika kienet dejjem kontinent misterjuż. B'mijiet ta' razez, egħxieren ta' pajjiżi, gzuz ta' reliġjonijiet – bilfors li jinqala' l-inkwiet. Illum flok il-Kontinent Mudlam nistgħu nsejħulu l-Kontinent Imdemmi – rari tkun sena li ma jinqalax xi nkwiet jew ieħor.

Wasal iż-żmien li l-Afrikani jqumu fuq saqajhom. Draw il-politiċi joqogħdu lura u jwaħħlu fl-antik, kuntenti li l-flus u l-għajnuna deħlin. Bil-problemi li l-pajjiżi industrijalizzati qegħdin isibu ma' wiċċhom, bħar-riċessjoni, l-inflazzjoni u l-qgħad, l-għajnuna li qegħdin jagħtu lill-pajjiżi Afrikani, tonqos tista' mhux tiżdied. Issa l-waqt li l-Afrikani jifhmu li l-futur tagħhom f'idejhom – futur li ma jissawwarx b'politika partiġjana, jew bil-vjolenza jew bit-taħditiet; futur li biex iseħħ irid jinbena fuq ix-xogħol, id-dedikazzjoni u l-edukazzjoni.

Is-seklu għoxrin ra l-bidu ta' l-Afrika, illum qegħdin naraw it-tbatijiet tat-tfulija tagħha. Għall-ġid tal-miljuni ta' l-Afrikani, jalla dawn l-aħħar ħmistax-il sena li għad fadal itellgħu l-Afrika l-ġdida mill-imrar ta' dan is-seklu. Tgħid is-seklu wieħed u għoxrin kif se jsibha lill-Afrika – b'saħħitha jew fi stat ta' miżerja agħar minn ta' llum?

ADRIAN ZAHRA




# KOTBA GĦAL IDEJK

Il-bżonn ta' dan il-ktieb ilu żmien twil jinħass. Kemm ilu li daħal l-Għarbi hawn Malta bħala lingwa obbligatorja ntqal ħafna kliem, sew minn xi għalliema kif ukoll minn bosta studenti fuq is-serjetà u t-thejjija siewja għaż-żewġ eżamijiet li għandna bħalissa fil-Livell Ordinarju, sew l-i*School Leaving* kif ukoll il-Matrikola. It-tfal u l-għalliema talbuna kemm-il darba biex ngħinuhom bil-fatti għal dawn l-eżamijiet.

Għal min l-Għarbi daħallu sewwa jista' jibda l-ktieb mill-ewwel bl-ordni kif inhu. Min iħossu li għadu ma ingranax, u nafu li minn dawn l-istudenti hawn bosta, nissuġġerixxu li l-ewwel jibda jistudja l-kliem diffiċli li tqiegħed għalih waħdu fl-aħħar ta' kull Karta, u mbagħad jibda jaqra u jistudja s-siltiet bl-Għarbi.

F'idejkom għandkom ktieb li jiswielkom mitqlu deheb. Biħ ikun biżżejjed biex thejju għall-eżamijiet. Minħabba li fih it-tweġibiet *kollha lesti*, ma għandkomx bżonn l-għajnuna ta' l-għalliem fil-klassi. Madankollu, jekk hemm xi diffikultajiet jew xi kummenti x'tagħmlulna, ibagħtuhomlna fl-indirizz tal-Kumpanija P.E.G. u aħna nwegħdukom li ngħinukom.

Dan il-ktieb fih għaxar karti ta' l-eżami bit-tweġibiet bħala mudell. Kull karta tinqasam f'dawn it-taqsimiet:

A – Karta ta' l-eżami regolari, b'dawn it-tweġibiet:
1. għażla ta' suġġetti għall-**Komponiment.**
2. **Taħriġ il-Fehem** ("Comprehension Test") – dan jingħażel mill-għażla tal-komponimenti li jkunu ngħataw f'kull Karta.
3. **Traduzzjoni** mill-Għarbi għall-Malti.
4. **Traduzzjoni** mill-Malti għall-Għarbi.

B – **Tweġibiet** bħala mudell għal Taħriġ il-Fehem;
Ċ – **Traduzzjoni** ta' Taħriġ il-Fehem, tal-mistoqsijiet li jkunu ngħataw fuqu u t-tweġibiet bħala mudell;
D – **Traduzzjoni** tat-Taqsima A numri 3 u 4;
E – Il-**Kliem Diffiċli** ta' Taħriġ il-Fehem, tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet fil-Karta.

PEG PUBLICATIONS

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Ltd,**
P.E.G. Building, Triq Herbert Ganado,
Ħamrun, Malta.
Telefon: 24186

**PEG Book Centre,**
Savoy Shopping Arcade,
Valletta, Malta.
Telefon: 621229